MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 398/2013

**Falcon Wines & Spirits Limited u b'digriet tas-16 ta' Frar 2015 din il-Qorti awtorizzat li l-isem is-socjeta attrici jinbidel ghall-isem GSD Marketing Limited, stante li s-socjeta attrici biddlet isimha fil-mori ta' dawn il-proceduri.**

**Vs**

**Joe Vella u**

**Ta' Natu Limited, solidament bejniethom**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mija u sbatax-il Euro u centezmu (€6117.01) prezz ta' merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lilhom u dan skond ma jidher fir-rendikont anness mar-rikors promotur u mmarkat 'Dok A'.

Bl-imghaxijiet mill-1 t'Awwissu, 2013 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-5 ta' Novembru, 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2565/13.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati ma deherux ghas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2015 u lanqas ipprezentaw risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-24 ta' Gunju, 2015, il-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, mija u sbatax-il Euro u centezmu (€6117.01) bl-imghaxijiet mill-1 t'Awwissu, 2013 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-5 ta' Novembru, 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2565/13.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------